MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 752/2002/1

**Marie Therese sive Marthese Bezzina u b'digriet tal-10 ta' Lulju 2002, l-istess Marthese Bezzina giet appuntata bhala kuratrici *ad litem* sabiex tirrapprezenta lill-minuri Kylie u Noel ahwa Bezzina**

**v.**

**Emanuel Bezzina**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' appell ta' Emanuel Bezzina tal-20 ta' Dicembru 2005, liema rikors hu ffirmat mill-istess

appellant (cioe` l-konvenut Emanuel Bezzina) u mill-avukat tieghu Dottor Emy Bezzina;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-lum li permezz tieghu din il-Qorti gibdet l-attenzjoni ta’ l-appellant u tad-difensur tieghu ghall-fatt li fir-rikors ta’ appell hemm paragrafi u kliem offensivi u oggezzjonabbli li ma kienux mehtiega ghall-andament ta’ din il-kawza, u gibdet l-attenzjoni in partikolari ghall-paragrafi 2 u 34 ta’ l-imsemmi rikors;

Rat li fl-imsemmi verbal din il-Qorti tat zmien liz-zewg firmatarji sabiex jghidu ghaliex din il-Qorti ma kellhiex tipproduci skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 994 tal-Kap. 12;

Rat li wara posponiment ta’ kwarta, l-appellant u d-difensur tieghu talbu li jirtiraw l-imsemmija paragrafi 2 u 34 u talbu wkoll l-applikazzjoni tas-subartikolu (4) ta’ l-imsemmi Artikolu 994;

Tosserva li filwaqt li kulhadd ghandu d-dritt li jikkritika, anke b’mod qawwi, sentenzi tal-Qorti, kemm jekk ikunu ta’ l-ewwel grad kif ukoll jekk ikunu sentenzi fi grad ta’ appell, tali kritika ma ghandha qatt tiddegenera f’insulti gratuwiti u attakki personali. Ir-rikors ta’ appell mhux biss fih referenza kostanti ghall-allegat pregudizzju ta’ l-imhallef li ppresjeda l-Qorti fl-ewwel grad, maghmula dawn ir-referenzi bl-uzu ta’ kliem u espressjonijiet li ma huma b’ebda mod mehtiega ghall-proponiment tat-tezi li l-appellant talvolta ried igib ’il quddiem, izda addirittura fih akkuzi fil-konfront tal-gudikant ta’ l-ewwel grad li dan abdika mid-dmirijiet tieghu, li hu diltettant u li hu abbuza mill-awtorita` tieghu. Dan kollu jammonta ghal kliem ingurjuz, offensiv u oggezzjonabbli, u li ma hu b’ebda mod mehtieg ghall-finijiet ta’ l-istess appell.

Dan kollu, fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, huwa palesement bi ksur ta’ l-Artikolu 994(1) tal-Kap. 12, u, tenut kont tar-ripetizzjoni tal-kliem u espressjonijiet ingurjuzi, offensivi u oggezzjonabbli, wiehed b’ebda mod ma jista’ jghid li dan il-ksur hu “ta’ xorta hafifa” jew li ma sarx “bir-rieda”, kif dispost fis-subartikolu (4) ta’ l-imsemmi Art. 994.

Ghalhekk f'dan il-kaz ma jistax hlief jigi applikat is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 994 imsemmi.

Konsegwentement din il-Qorti qed tordna "ex officio" li r-rikors ta' l-appell jigi sfilzat u jitqies ghall-finijiet kollha bhallikieku qatt ma gie pprezentat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------